**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Joseph Grech**

Illum 14 ta' Ottubru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Grech ta' 47 sena, bin Afred u Angela xebba Aquilina mwieled Pieta' nhar it-12 ta' Frar 1960, residenti gewwa 53, Flat 2, Triq il-Karmnu, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 151468M talli f'xi hin bejn il-1 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru 2014 gewwa tas-Sliema:

1. Ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur li jeccedi l-€2,329.37 minn residenza 47, Triq San Duminku, Sliema liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-persuna ghad-detriment ta' Angela Attard detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 230361(M);

2. U aktar talli fl-istess zmien laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, u/jew xjentement b'kull mod indahal sabiex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. U aktar talli b'hekk renda ruhu recediv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Magistrat Dr Neville Camilleri LL.D nhar il-11 ta' Ottubru 2013 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija, l-imsemmi Joseph Grech ihallas lil parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunata permezz tar-reat.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' April, 2015 l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Rat il-pre-sentencing report.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li mhix wahda netta izda mhix allarmanti, ic-cirkostanzi tal-kaz u kif ukoll il-fatt li parti mir-*res furtiva* giet ritornata. Oltre' dan, l-imputat biex jaghmel tajjeb ghal dak li seraq, nhar is-6 ta' Ottubru, 2015 iffirma kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu mal-parte leza u giet stipulata l-modalita' ta' pagamenti sabiex l-ammont ta' €10,000 jigi saldat. Mal-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt, l-imputat hallas lis-sinjuri Attard l-ammont ta' €2,000 u l-bilanc ghandu jithallas b'rati ta' €300 kull xahar l-ewwel rata tithallas fi zmien xahar mill-erbatax ta' Ottubru tas-sena kurrenti.

Illi l-Qorti hadet ukoll in kunsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-pre-sentence report partikolarment fejn jirrizulta li l-imputat ghandu problem psikologici.

Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti tqis li fuq kollox l-imputat jehtieg li jinghata l-ghajnuna u ghaldaqstant mhix se timpani piena karcerarja effettiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 20, 49, 50, 261(b)(c)(d),263(a),267, 268(a), 278(1)(2), 279(b), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat ghal zmien tlett (3) snin, b'dan li l-imputat ghandu jkun taht il-kura ta' Dr Paul Sciberras.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u Parole u tirrakkomanda sabiex safejn possibli jkun Glen Grixti li jsegwi lill-hati.

Tordna wkoll notifika ta' din is-sentenza u ta' l-atti kollha lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat